MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Numru 1407/2002/1

**Dhalia Central Ltd**

**vs**

**Raymond Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Gunju, 2002 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` disa` mija, tmienja u sittin lira, wiehed u disghin centezmu (Lm968.91) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta` flus mislufa *brevi manu* lill-konvenut.

Bl-imghax minn Marzu, 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 7 ta` Frar, 2003 fejn irribatta li mhux talli huwa ma kienx debitur taghha izda

sahansitra kienet l-istess socjeta` attrici li kienet kreditrici lejh. Fil-fatt l-istess konvenut ressaq kontro-talba fejn talab lis-socjeta` attrici tigi kkundannata thallsu s-somma ta` elf lira rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala commissions.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghal kontro-talba tal-konvenut datata 28 ta` April, 2003 fejn cahdet l-interpellanza tal-konvenut.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ra n-nota ta` sottomissjonijiet prezentata mill-konsulent legali tal-konvenut filwaqt li gie notat li s-socjeta` attrici baqghet ma resqet ebda osservazzjonijiet finali bil-miktub.

Ikkunsidra.

Ivan Azzopardi, direttur tas-socjeta` attrici xehed illi minhabba l-fatt li l-konvenut kellu xi problemi finanzjarji, l-kumpannija kienet offrietlu li thallsu il-commissions bil-quddiem u dana bhala self. Hekk ghamlet u halsitu b'self il-commissions bil-quddiem fuq il-konvenji ffirmati fejn huwa kien involut. Il-pagament mitlub f'dina l-kawza jirrapprezenta dak li kien thallas bil-quddiem bhala commission fejn pero` l-kuntratt finali ma jkunx gie konkluz. Ghar-rigward il-kazijiet fejn saru l-kuntratti, l-commission dovut kien jigi paccjut ma` parti mis-somma mislufa. Is-self kien sar tramite pagament wiehed in bulk u b'xi pagamenti mensili, kollox b'cheque.  Ma giet iffirmata ebda skrittura privata dwar dan. Din ix-xhieda giet ikkonfermata minn Ingrid Sciberras li tahdem bhala administration manager fi hdan is-socjeta` attrici.

Din ix-xhud tispjega pero` li l-ammont totali tas-self kien fl-ammont ta` Lm1,900 minn Dicembru, 1999 sal-31 ta` Jannar, 2002, commissions thallsu Lm1,442.48 u kwindi kien jifdal bilanc ta` Lm457.52 li bl-imghaxijiet telghet ghal Lm961.54 filwaqt li kien  hemm management fee ta` Lm1,16.01. Jigi rifless pero` fuq dan is-self li qed jigi

allegat li sar bil-fomm, ma jirrizultax jekk fil-fatt kien hemm ftehim fuq imghax o meno u lanqas ma jidher li kien hemm xi akkordju fuq xi management fee.

Il-konvenut xehed illi peress li huwa kien jithallas biss commission u ma kien hemm ebda paga, kien talab li jithallas mal-konvenji u mhux mal-kuntratt. Fil-fatt il-kumpannija kienet bdiet thallsu s-somma ta` Lm50 fil-gimgha. Jichad li kien hemm xi ftehim dwar interessi – kienu semplicement pagamenti mhallsa lilu bil-quddiem fuq commissions dovuta lilu. Lanqas ma jaqbel mal-management fee. Ighid ukoll li s-socjeta` attrici qed tippretendi wkoll ghal allegati hlasijiet li saru addirittura wara li huwa kien gia` telaq. Dwar il-pagamenti ndikati fuq id-dokument a fol. 39 tal-process, huwa jghid li jaqbel ma` l-ewwel figura u mal-hlasijiet ta` Lm50 il-wahda. Jaqbel mac-cifra ta` Lm601.52 li ssemmiet fl-interpellanza datata 26 ta` April, 2001, Dok. RS1. Huwa talab li dan l-ammont jigi paccjut mal-commissions lila dovuta skond ma` kif indikalhom fuq il-prospett, Dok. RS2, a fol. 43 tal-process. L-ewwel cifra ta` Lm60.53 fuq dan l-istatement jindika d-differenza bejn dak li kienu halsuh u dak li kien suppost dovut lilu. Dwar it-tieni cifra ta` Lm840, huwa jghid li jaf bic-cert li l-kuntratt kien sar peress li x-xerrejja kien jafhom sew. Dwar it-tielet cifra huwa ma jafx bic-cert jekk il-kuntratt giex iffinalizzat o meno u ghalhekk jidhru zewg ammonti fuq l-istess item. Jispjega wkoll illi bhala rata ta` commissions, huwa kien intitolat ghal 30% fuq 5% jekk il-proprjeta` ma tqieghditx minnu fuq is-suq u 40% ta` 5% jekk tkun tqieghdet minnu fuq is-suq.

In segwitu ghal din ix-xhieda, Dr Luciano Busuttil ghas-socjeta` attrici irriduca t-talba tas-socjeta` attrici fis-somma ta` Lm601.52 fis-seduta tal-21 ta` Jannar, 2004. Ingrid Sciberras regghet telghet tispjega li b’riferenza ghal Dok. RS2, ezebit mill-konvenut, tikkonferma li l-istess konvenut kien thallas anqas peress li kien involva ruhu property negotiator iehor fuq l-istess bejgh certu Mario Vella u wara li nqala` d-disgwit bejniethom, is-socjeta` kienet halsithom lit-tnejn indaqs pero` anqas ma tafx jekk dan kienx gie accettat mill-konvenut o meno pero` ic-cheque x’aktarx li kien issarraf. Ghar-rigward it-tieni cifra ta` Dok. RS2 tghid

illi fil-fatt il-konvenut kien thallas is-somma ta` Lm630 minn Lm840 permezz ta` cheque datat 18 ta` April, 2001 u ma kienx thallas l-ammont ta` Lm210, rapprezentanti l-inspection commission. Dwar it-tielet cifra hija tispjega li l-kuntratt ma kienx sehh u l-konvenut kien thallas is-sehem tieghu ta` Lm96 u ta` Lm48 mill-cancellation fee migbura u dana permezz ta` zewg cheques datati 24 ta` Dicembru, 2001 u 31 ta` Jannar, 2002. Gew ipprezentati kopji tac-cheques imhalsa lill-konvenut maz-zmien li sar referenza ghalihom fix-xhieda ta` Ingrid Sciberras. Ma jidhirx pero` li gie ezebit ic-cheque ta` Lm630 datat 18 ta` April, 2001. Fil-fatt in segwitu tghid li dan il-commission ta` Lm630 u Lm210 ma kien thallas qatt lill-konvenut u dana sabiex jaghmel tajjeb ghas-self li huwa kellu mas-socjeta`. Dan ix-xhud ezebixxa prospett iehor immarkat Dok. XXI fejn ghal darba ohra ndikat il-bilanc dovut lis-socjeta` attrici minghajr ma nkludiet l-imghaxijiet. Minn dan il-prospett issa ghandu jirrizulta li l-konvenut kien debitur taghhom fl-ammont ta` Lm247.60 u mhux Lm601.

Illi ghalhekk jekk nibdew mill-punto di partenza li l-konvenut kien qed jaqbel mal-bilanc ta` Lm601.52 skond l-ittra datata 26 ta` April, 2001, Dok. RS1, a fol. 42 tal-process, wiehed ghandu jevalwa x'commissions aktar kellhom jinqatghu minn din ic-cifra kif pretiz mill-istess konvenut a tenur tal-prospett minnu ezebit a fol. 43 tal-process. Il-konvenut jinsisti li huwa kellu jithallas Lm60.53 ohra fuq il-bejgh
PO 43420. Apparti li r-raguni 'l ghala thallas anqas hija gustifikabbli, jinghad ukoll li l-konvenut kien accetta s-somma ta` Lm180 ghas-saldu fuq dan il-bejgh minghajr ebda riservi u ghalhekk ma jistax jitlob xejn aktar. Dwar it-tieni bejgh minnu ndikat PO 28311 jidher li fil-fatt l-ammont kollu ta` Lm840 (Lm630 + Lm210) kien gie paccjut mal-bilanc minnu dovut kif jidher minn Dok. XX1, a fol. 91 tal-process. Fil-fatt meta ntbaghatet l-ittra tas-26 ta` April, 2001, Dok. RS1, is-socjeta` kienet gia` naqsitlu s-somma ta` Lm630 biex b'hekk kien jifdallu bilanc ta` Lm601 minnu accettat. In segwitu is-socjeta` paccietlu wkoll l-ammont ta` Lm210 fuq l-istess bejgh biex b'hekk kompla nizel il-bilanc minnu dovut. Dwar l-ahhar cifra fuq il-bejgh PO 36112 huwa thallas ossia gie paccjut l-

ammont ta` Lm144 filwaqt li l-konvenut qed jippretendi li jithallas Lm280, dment li ma sehhx il-kuntratt cioe` Lm136 ohra. Is-socjeta` attrici baqghet ma spjegatx ‘il ghala l-konvenut thallas anqas u ghalhekk mir-rimanenti bilanc ta` Lm247, taqta` Lm136, jifdal bilanc ta` Lm111.

Illi dwar l-ammont li qed jintalbu mill-konvenut, fl-ewwel lok dawn imorru oltre dawk minnu ndikati fil-prospett tieghu, Dok. RS2. Barra minnhekk jinghad ukoll li dwar il-bejgh PO 81245, l-ispjegazzjoni ‘l ghala thallas anqas hija gustifika u korroborata mill-fatt li isem il-kollega tieghu jinsab imnizzel fuq id-dokumenti relattivi. Dwar il-bejgh PO 85531, jidher dokumentat li huwa kien intitolat ghal Lm315 meta fil-fatt thallas Lm250 skond il-konvenut u Lm300 in kontanti skond is-socjeta` attrici. F’kaz ta` prova ta` pagament l-oneru jaqa` fuq min qed jallega tali pagament, kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu jigi kkreditat somma ulterjuri ta` Lm65 u ghalhekk ic-cifra fuq indikata ta` Lm111 issa ghandha tinzel ghal Lm46. Illi fuq il-bejgh
PO 89368, iz-zewg nahat jaqblu li l-konvenut kien intitolat Lm600 pero` jidher li gie ppruvat biss li thallas l-ammont ta` Lm300, filwaqt li s-socjeta` attrici tallega li halset is-Lm600 *in toto* in kontanti, pero` naqset li ggib prova soddisfacenti dwar dan. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkreditat somma ulterjuri ta` Lm300, kwindi minn bilanc negattiv kontra tieghu ta` Lm46, issa ghandu bilanc pozittiv fl-ammont ta` Lm254.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba tas-socjeta` attrici u kif ukoll ir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut, kwindi jakkolji r-risposta tal-konvenut ghat-talba attrici u kif ukoll jilqa` l-kontro-talba ta` l-istess konvenut b’dan illi fis-sens li jiddikjara li s-socjeta` attrici hija debitrici lejh bhala commissions dovuta lilu kif hawn fuq spjegat, jillikwida l-ammont dovut lill-konvenut fis-somma ta` Lm254 u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm254, bl-interessi legali dekorribbli mid-data tas-sentenza filwaqt li ghar-rigward il-kap ta` l-ispejjez, it-

Tribunal huwa tal-fehma li fuq bazi ta` ekwita din ghandha tibqa` bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------